Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 194/2014

**Express Aluminium Limited**

**Vs**

**John Farrugia u b'digriet tat-13 ta' Ottubru 2014 Raymond Buhagiar gie msejjah fil-kawza u fis-27 ta' Jannar 2016 saret legittimazzjoni tal-atti f'isem Catherine Farrugia wara l-mewt tal-konvenut**

26 ta' Jannar, 2018.

1. Permezz ta' rikors prezentat fit-3 ta' Gunju 2014, il-kumpannija attrici talbet lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex tikkundanna lill-konvenut ihallas tmint elef, seba' mija u sebgha u sittin Ewro u tnax-il centezmu (€8,767.12) rapprezentanti l-ammont ta erbat elef sitt mija u erbgha u tmenin Ewro (€4,684) bilanc ta' hlas dovut ghal xoghol ta' aperturi ta' *aluminium* fi blokka bini fi Triq Sliema, Gzira, lill-kumpannija attrici u l-ammont ta' erbat elef u tlieta u tmenin Euro u tnax-il centezmu (€4,083.12) rapprezentanti VAT. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' April, 2014, u bl-imghaxijiet relattivi sad-data tal-hlas, kontra l-intimat, ingunt ghas-subizzjoni.

2. Il-konvenut wiegeb:

*"1. Illi preliminarjament is-socjeta' attrici ma nghatat ebda inkarigu da parti tal-esponent u b'hekk ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn l-istess socjeta' attrici u l-esponent;*
*2. Illi dwar il-blokka bini fi Triq Sliema, Gzira, l-esponent inkariga biss lil certu Raymond Buhagiar detentur tal-karta tal-identita' numerata 13425M sabiex jesegwixxi xogholijiet ta' miljoramenti u b'hekk ir-relazzjoni guridika tal-esponent tezisti biss mal-imsemmi Raymond Buhagiar izda mhux mas-socjeta' attrici. In effetti l-hlas in konnessjoni ma' dawn l-istess xogholijiet rezi f'din il-blokka dejjer sar lil Raymond Buhagiar;*
*3. Illi ghalhekk l-esponent m'huwiex il-legittimu kontradittur tas-socjeta' attrici stante li hu fl-ebda hin u waqt ma dahal f'xi trattattiv mal-istess socjeta' attrici u b'hekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;*
*4. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, skont l-ahhar statement mahrug mis-socjeta' attrici jirrizulta li l-bilanc li kellha tircievi s-socjeta' attrici kien fis-somma ta' erbat elef sitt mija u erbgha u tmenin Euro (€4,684) liema bilanc gie mhallas direttament lil Raymond salv ghas-somma ta' mija u*

*ghoxrin Euro (€120) peress li l-imsemmi Raymond Buhagiar naqas milli jiggustifika dan l-ammont.*
*5. Illi minghajr ebda pregudizzju ghal dak kollu hawn fuq espost, is-somma pretiza ta' erbat elef tlieta u tmenin Euro u tnax-il centezmu (€4,083.12) rapprezentanti VAT hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta' dina l-kawza. Tant hu hekk illi hekk kif jirrizulta mill-ittra ufficjali datata 14 ta' April, 2014, din is-somma ma tiffigura mkien u kien permezz ta' dan l-avviz illi s-socjeta' attrici qanqlet din il-pretenzjoni*;
*6. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, kull ammont pretiz huwa wkoll infondat fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici;*
*7. Illi wkoll minghajr pregudizzju, is-socjeta' attrici ghandha tressaq prova sodisfacenti ghal kull ammont reklamat minnha".*

3. B'rikors prezentat fl-10 ta' Settembru 2014 l-attrici talbet li jissejjah fil-kawza Raymond Buhagiar, talba li ma gietx opposta. B'digriet moghti fit-13 ta' Ottubru, 2014 Buhagiar gie msejjah fil-kawza.

4. B'Sentenza tas-27 ta' April, 2017, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) iddecidiet il-kawza billi cahdet l-eccezzjonijiet kollha tall-konvenuta u kkundannat lill-konvenuta u l-imsejjah fil-kawzza sabiex solidalment ihallsu lill-attrici s-somma ta' tmint elef seba' mija u sebgha u sittin ewro u tnax-il centezmu (€8,767.12) bl-ispejjez kontrihom.

5. Fil-konfront ta' Raymond Buhagiar is-sentenza ghaddiet gudikat. Catherine Farrugia appellat mis-sentenza, bl-aggravju jkunu dwar l-eccezzjoni li:-

   i. l-appellanti m'hijiex il-legittimu kontradittur;
   ii. L-ammont li semmai hu dovut;

3. L-attrici wiegbet (fol. 10) fejn tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

4. Il-qorti qrat l-atti u semghet it-trattazzjoni.

5. Dwar l-aggravju relatat mal-eccezzjoni li Catherine Farrugia m'hijiex il-legittimu kontradittur, il-qorti tosserva:

5.1 Il-konvenuta qatt ma xehedet. Ghalkemm fir-rikors inghad, *"illi kien Raymond Buhagiar, li gie ngaggat mill-istess Farugia bhala turnkey illi imbaghad inkarigat, qabbad u ngagga lis-socjeta appellata"*, il-konvenuta qatt ma tat prova ta' dik it-tezi.
5.2 Mill-provi li ressqet l-attrici rrizulta li l-aperturi twahhlu fil-proprjeta tal-konvenuta.

5.3 Sal-lum ghad hemm bilanc dovut lill-attrici.

5.4 John Farrugia hareg cekk datat 8 ta' Awissu, 2012 f'isem, is-socjeta' attrici ghas-somma ta' €3,000 (fol. 31). Ghalkemm l-appellanti ssostni li *"ma hemm xejn li jindika li dan il-pagament jirreferi ghall-istess bicca xoghol mertu ta' dawn il-proceduri"*, hemm id-deposizzjoni ta' John Bonnici (direttur tas-socjeta attrici) [ara paragrafu 10 tal-affidavit, fol. 27]. Dan fih innifsu hu ndizju li kienet tezisti relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici. Li kieku l-konvenut ma kellu x'jaqsam xejn, probabbilment ma kienx imur johrog cekk f'isimha izda f'isem Raymond Buhagiar.

5.5 Raymond Buhagiar kien jidher bhala mandatarju tal-konvenut. Dan jirrizulta mid-dokumenti stess li pprezentat l-appellanti (fol. 59 u 60) li huma ricevuti tal-hlas li sar lil Raymond Buhagiar sabiex imur ihallas lis-socjeta attrici. Hekk per ezempju fir-ricevuta tal-15 ta' Jannar 2013 jinghad li nghata cekk tal-BOV numru 1845 ghas-somma ta' €2,564 *"to pay Express Aluminium"*. Issa jekk Raymond Buhagiar naqas milli jhallas lill-attrici, dik hi materja li l-appellanti trid tindirizza lil Buhagiar. Maria Bugeja stess xehedet, *"Jien ovvjament John*[1] *jekk ighidli tih dak l-ammont biex ihallas l-Express, kont nikteb"*. Kompliet tikkonferma li l-flus kien inghataw lil Buhagiar sabiex imur ihallas lis-socjeta attrici.

5.6 Fir-rikors tal-appell il-konvenuta qalet, *"3.2….. kien Raymond Buhagiar innifsu li mbaghad* ***immizaproprja dawn il-flus ghalih minghajr ma ghamel id-debitu hlas lis-socjeta' appellata****, u din tal-ahhar allura baqghet ma thallsitx, tort unikament tal-istess kjamat fil-kawza"*. Tezi li hi inkompatibbli mat-tezi li Farrugia ta progett turnkey lil Buhagiar, u li dan tal-ahhar kien inkariga lill-attrici. Jekk Buhagiar ircieva flus li kellu jaghti lis-socjeta attrici, allura kien qieghed jagixxi bhala mandatarju tal-konvenut.

6. Fir-rigward tat-tieni aggravju, skont rendikont li pprezenta John Bonnici, il-hlas dovut lill-attrici hu €8,767.12 li minnhom €4,684 huma l-bilanc tal-prezz u €4,083.12 huma t-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud (fol. 28). Mhuwiex minnu li mill-imsemmi rendikont *"[….] l-bilanc li kellha tircievi l-istess socjeta' kien fis-somma ta' erbat elef hames mija u erba' u sittin Ewro (€4,564)"*. Fit-twegiba guramenta l-konvenut kien qal li ma hallasx is-somma ta' €120 *"peress li l-imsemmi Raymond Buhagiar naqas milli jiggustifika dan l-ammnot"*. Madankollu skont ir-rendikont jirrizulta li dan l-ammont hu dovut.

7. L-appellant issostni wkoll li t-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud m'hijiex dovuta. F'dan ir-rigward xehed John Bonnici li l-prezz pattwit kien ta €20,000 minghajr it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud (fol. 25). Il-fatt li fl-ittra ufficjali (fol. 29) ma tissemmiex it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud, ma jfissirx li m'hijiex dovuta. L-ittra ufficjali kienet prezentata fl-14 ta' April, 2014. Madankollu mill-provi rrizulta li zmien qabel l-attrici kienet harget rendikont indirizzat lil John Farrugia u datat 20 ta' April, 2013 u fejn tissemma t-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud.

[1] B'riferenza ghall-konvenut.

8. Fir-raba’ aggravju l-konvenuta ssostni li gialadarba John Farrugia ta l-flus lil Buhagiar biex ihallashom lis-socjeta attrici, id-decizjoni tal-ewwel qorti hi ferm ingusta ghaliex Farrugia wettaq l-obbligazzjoni tieghu. Dan hu aggravju fieragh. L-estinzjoni tal-obbligazzjoni ssehh meta tithallas l-attrici. Ghall-attrici dak li ghamel Buhagiar hu immaterjali. Dik hi kwistjoni li l-konvenuta trid taraha ma’ Buhagiar. Ladarba tezisti relazzjoni guridika bejn l-attrici u l-konvenuta, is-socjeta attrici ghandha kull dritt li tinsisti li l-hlas ghandu jsir mill-konvenuta. L-appellanti ssostni li l-ircevuta tal-VAT kellha tinghata kif gie kkonsenjat ix-xoghol. Il-qorti ma tistax tara negozjant li jaghti ricevuta fiskali qabel jircievi l-hlas, irrispettivament x’tghid il-ligi. Lanqas ma kellha bzonn li taghti xi prova li diga’ hallset it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud lid-Dipartiment relattiv. Ovvjament kif isir il-hlas ghandha tinghata r-ricevuta fiskali, u dwar dan l-ewwel qorti pprovdiet.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta Farrugia.**

Anthony Ellul.